A.L. 156 ta' l-2005

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Ordni ta' l-2005 dwar Residenza Tas-Sellum (Proġett Mellieħa) bħala Żona Speċjali Msemmija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 8 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' l-2005 dwar Residenza tas-Sellum (Proġett Mellieħa) bħala Żona Speċjali Msemmija.

Tismija ta' Żona Speċjali.

2. Ir-Residenza tas-Sellum (Proġett Mellieħa) li tikkonsisti fi proprjetà immobbli skond Pjanta markata bħala Dokument "X" annessa ma' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja, b'Att Numru 246 tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), hija b'dan imsemmija bħala Żona Speċjali Msemmija għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

Żjieda ma' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

3. Ir-Residenza tas-Sellum (Proġett Mellieħa) għandha tiżdied mal-Lista ta' Żoni Skedati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.